IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 26.1.2012
KUMM(2012) 17 finali

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR IKEL U INGREDJENTI TAL-IKEL TRATTATI BIR-RADJAZZJONI JONIZZANTI GĦAS-SENA 2010

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR IKEL U INGREDJENTI TAL-IKEL TRATTATI BIR-RADJAZZJONI JONIZZANTI GĦAS-SENA 2010

1. IL-BAŻI LEGALI U L-ISFOND

L-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tijonizza[1] jirrikjedi li kull sena l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni:

– ir-riżultati tal-kontrolli li jkunu saru fil-faċilitajiet tal-irradjazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kategoriji u l-kwantitajiet ta' ikel u ingredjenti tal-ikel ittrattati u d-dożi li ngħataw

u

– ir-riżultati tal-kontrolli li saru fl-istadju tat-tqegħid fis-suq tal-prodott u l-metodi użati għall-individwazzjoni ta' trattament b'radjazzjoni jonizzanti.

L-Artikolu 7(4) tad-Direttiva jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

– id-dettalji tal-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati fl-Istati Membri kif ukoll kwalunkwe bidla fl-istatus tagħhom;

– rapport dwar it-tagħrif ipprovdut mill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza.

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010. Dan jinkludi ġabra ta' tagħrif mgħoddi lill-Kummissjoni mis-27 Stat Membru.

It-tagħrif dwar l-aspetti ġenerali tal-irradjazzjoni tal-ikel huwa disponibbli fil-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur[2].

1.1. Il-faċilitajiet tal-irradjazzjoni

Skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 1999/2/KE, l-ikel u l-ingredjenti tal-ikel jistgħu jiġu rradjati biss ġewwa faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati. Għall-faċilitajiet fl-UE, l-approvazzjoni tingħata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-Artikolu 7(1) jirrikjedi li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-faċilitajiet approvati tagħhom ta' irradjazzjoni.

1 ĠU L 66, 13.3.1999, p. 16.

2 http://ec.europa.eu/food/food/biosafety/irradiation/index_en.htm

L-irradjazzjoni tal-ikel u tal-ingredjenti tal-ikel tista' ssir biss permezz tas-sorsi li ġejjin:

– Raġġi gamma minn radjunuklidi ^{60}Co jew ^{137}Cs;

– Raġġi-X ġġenerati minn magni mħaddma fil-livell ta' enerġija nominali jew taħtu (enerġija kwantum massima) ta' 5 MeV;

– Elettroni ġġenerati minn magni mħaddma fil-livell ta' enerġija nominali jew taħtu (enerġija kwantum massima) ta' 10 MeV.

Il-lista tal-faċilitajiet ta' irradjazzjoni awtorizzati fl-Istati Membri ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni[3].

1.2. L-ikel u l-ingredjenti tal-ikel irradjati

L-irradjazzjoni ta' ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali hija awtorizzata fl-UE bid-Direttiva 1999/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' ikel u ta' ingredjenti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti[4]. Barra minn hekk, seba' Stati Membri nnotifikaw li għandhom awtorizzazzjonijiet nazzjonali għal ċertu ikel u ingredjenti tal-ikel skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 1999/2/KE. Il-lista tal-awtorizzazzjonijiet nazzjonali ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni[5].

Kull prodott tal-ikel irradjat li fih ingredjent irradjat wieħed tal-ikel jew aktar għandu jkun immarkat bil-kliem "irradjat" jew "ittrattat b'radjazzjoni jonizzanti". Jekk prodott irradjat jintuża bħala ingredjent f'ikel kompost, l-istess kliem għandhom jakkumpanjaw id-deskrizzjoni tiegħu fil-lista ta' ingredjenti. Fil-każ ta' prodotti mibjugħa bil-kwantità, dawn il-kliem għandhom jidhru flimkien mal-isem tal-prodott fuq targa jew avviż fuq jew maġenb il-kontenitur li fih jitqiegħdu l-prodotti.

Sabiex jiġi infurzat it-tikkettjar korrett jew biex jiġu individwati prodotti mhux awtorizzati, bosta metodi analitiċi ġew standardizzati mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), wara mandat mogħti mill-Kummissjoni Ewropea.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONTROLLI MWETTQA FIL-FAĊILITAJIET TAL-IRRADJAZZJONI

Din it-taqsima tar-rapport telenka r-riżultati tal-kontrolli mwettqa fil-faċilitajiet tal-irradjazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kategoriji u l-kwantitajiet tal-prodotti ttrattati u d-dożi li ngħataw. Skont l-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri, il-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti kkonfermaw il-konformità tal-faċilitajiet approvati tal-irradjazzjoni mar-rekwiżiti tad-Direttiva 1999/2/KE.

---

3 ĠU C 77, 11.3.2011, p. 14.
4 ĠU L 66, 13.3.1999, p. 24
5 ĠU C 283, 24.11.2009, p. 5.

It-tabelli li ġejjin jelenkaw il-kategoriji u l-kwantitajiet ta' prodotti li ġew irradjati fil-faċilitajiet approvati fl-Istati Membri tal-UE fl-2010.

2.1. Il-Belġju

Hemm faċilità waħda approvata.

Kategorija ta' prodotti	Kwantità trattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Koxox taż-żrinġijiet	3572,168	5
Laħam	4,244	6-8
Tjur	1481,779	5
Ħut u frott tal-baħar	101,652	3-5
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	285,194	6-9
Demm deidratat	178,442	6-9
Ħaxix	14,58	3-5
Lamtu	0,418	3
Trab tal-bajd	0,425	3
Oħrajn	201,165	0-10
Total	**5840,067**	

2.2. Il-Bulgarija

Hemm żewġ faċilitajiet approvati. Waħda minnhom hija faċilità rreġistrata fl-2010. L-ebda ikel ma ġie rradjat fl-2010.

2.3. Ir-Repubblika Ċeka

Hemm faċilità waħda approvata.

Kategorija ta' prodotti	Kwantità trattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	26,7	5-10
Total	**26,7**	

2.4. Il-Ġermanja

Hemm erba' faċilitajiet approvati. L-ebda ikel ma ġie rradjat f'waħda mill-faċilitajiet.

Kategorija ta' prodotti	Kwantità trattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	127,1	<10
Total	**127,1**	

2.5. Spanja

Hemm żewġ faċilitajiet approvati. Matul l-2010, l-ikel u l-ingredjenti tal-ikel ġew irradjati f'waħda biss minn dawn il-faċilitajiet.

Kategorija ta' prodotti	Kwantità trattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	369,2	<10
Total	**369,2**	

2.6. L-Estonja

Hemm faċilità waħda approvata u rreġistrata fl-2010.

Kategorija ta' prodotti	Kwantità trattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	10	10
Total	**10**	

2.7. Franza

Hemm żewġ faċilitajiet approvati. Waħda minn dawn ilha ma tittratta prodotti tal-ikel mill-aħħar tal-2010.

Kategorija ta' prodotti	Kwantità trattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Tjur	463,021	5
Gomma arabika	85,207	3
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u ħxejjex imnixxfin	1,892	10
Koxox taż-żrinġijiet iffriżati	473,716	5
Total	**1023,84**	

2.8. L-Ungerija

Hemm faċilità waħda approvata.

Kategorija ta' prodotti	Kwantità trattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	143,1	5-6
Prodotti deidratati	7,6	6
Total	**150,7**	

2.9. L-Italja

Hemm faċilità waħda approvata. L-ebda ikel ma ġie rradjat fl-2010.

2.10. Il-Pajjiżi l-Baxxi

Hemm żewġ faċilitajiet approvati.

Kategorija ta' prodotti	Kwantità trattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħwawar/Ħxejjex aromatiċi	329,8	7-7.5
Partijiet taż-żrinġijiet	365,6	4
Laħam tat-tjur (iffriżat)	137,3	5
Ħxejjex deidradati	481,6	2-4
Abjad tal-bajd	160,2	1
Gambli (iffriżati)	64,1	3
Kampjuni tal-Ikel	0,5	6.2-6.4
Total	**1539,1**	

2.11. Il-Polonja

Hemm żewġ faċilitajiet approvati.

Kategorija ta' prodotti	Kwantità trattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħwawar imnixxfin, ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar veġetali u mill-għeruq	159,6	5-10
Total	**159,6**	

2.12. Ir-Rumanija

Hemm faċilità waħda approvata.

Kategorija ta' prodotti	Kwantità trattata (t)	Doża medja assorbita (kGy)
Ħwawar aromatiċi mnixxfin	17	8
Total	**17**	

2.13. Ir-Renju Unit

Hemm faċilità waħda approvata. L-ebda ikel ma ġie rradjat fl-2010.

2.14. L-Istati Membri l-Oħra

Ma hemm l-ebda faċilità approvata fl-Istati Membri l-oħrajn (l-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, il-Portugall, l-Isvezja, is-Slovenja, is-Slovakkja).

2.15. Tabella ta' sommarju għall-UE

It-tabella li ġejja tipprovdi sommarju tal-kwantitajiet ta' ikel (f'tunnellati) ittrattat mir-radjazzjoni jonizzanti f'faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati fi ħdan l-Unjoni Ewropea fl-2010.

Kategorija ta' prodotti	**BE**	**BG**	**CZ**	**DE**	**EE**	**ES**	**FR**	**HU**	**NL**	**PL**	**RO**	**Total**	***%***
Demm deidratat	178,4	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	**178,4**	***1,93***
Abjad/Trab tal-bajd	0,4	0	0	0	0	0	0	0	160,2	0	0	**160,6**	***1,74***
Ħut, Frott tal-baħar, Gambli	101,7	0	0	0	0	0	0	0	64,1	0	0	**165,8**	***1,79***
Koxox/partijiet taż-żrinġijiet	3572,2	0	0	0	0	0	473,7	0	365,6	0	0	**4411,5**	***47,67***
Gomma arabika	0,0	0	0	0	0	0	85,2	0	0	0	0	**85,2**	***0,92***
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	285,2	0	26,7	127,1	10	369,2	1,9	143,1	329,8	159,6	17	**1469,6**	***15,86***
Laħam	4,2	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	**4,2**	***0,05***
Tjur	1481,8	0	0	0	0	0	463,0	0	137,3	0	0	**2082,1**	***22,50***
Lamtu	0,4	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	**0,4**	***0,00***
Ħaxix	14,6	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	**14,6**	***0,16***
Prodotti deidradati	0,0	0	0	0	0	0	0	7,6	481,6	0	0	**489,2**	***5,29***
Oħrajn	201,2	0	0	0	0	0	0	0	0,5	0	0	**201,7**	***2,18***
Total	**5840,1**	**0**	**26,7**	**127,1**	**10**	**369,2**	**1023,8**	**150,7**	**1539,1**	**159,6**	**17**	**9263,4**	***100,00***
% tat- total	***63,11***	***0,00***	***0,29***	***1,37***	***0,1***	***3,99***	***11,06***	***1,63***	***16,63***	***1,72***	***0,18***	***100,00***	

3. IR-RIŻULTATI TAL-KONTROLLI LI SARU FL-ISTADJU TAT-TQEGĦID FIS-SUQ TAL-PRODOTT U L-METODI UŻATI GĦALL-INDIVIDWAZZJONI TA' IKEL IRRADJAT.

Fir-rigward tar-riżultati tal-kontrolli li saru fl-istadju tat-tqegħid fis-suq tal-prodott u l-metodi użati għall-identifikazzjoni ta' trattament b'radjazzjoni jonizzanti, l-Istati Membri ppreżentaw l-informazzjoni li ġejja.

3.1. L-Awstrija

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 134			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	46	0	1	EN 1788, EN 13751
Te tal-ħxejjex aromatiċi	47	0	0	EN 1788, EN 13751
Laħam tat-tjur	**40**	**0**	**0**	**EN 1786**
Total	**133**	**0**	**1**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**99,25 %**	**0,00 %**	**0,750 %**	

3.2. Il-Belġju

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 138			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Taljarini (noodles) istantanji	**27**	**0**	**0**	**EN 1788**
Krustaċji u molluski	41	0	2	
Ħxejjex aromatiċi ffriżati	21	0	0	
Supplimenti tal-ikel	23	0	2	
Ħxejjex imnixxfin	9	0	2	
Frott imnixxef	11	0	0	
Total	**132**	**0**	**6**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**95,60 %**	**0 %**	**4,30 %**	

3.3. Il-Bulgarija

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 224			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Ħwawar imnixxfin	84	0	4	EN 1787, EN 1788
Ħwawar imħalltin	10	0	0	EN 1787, EN 1788
Taħwir veġetali mnixxef	14	0	0	EN 13708
Bżar Aħmar	25	0	6	EN 1787, EN 1788
Te	32	0	0	EN 1787, EN 1788
Ross	2	0	0	EN 1787, EN 1788
Frott imnixxef	25	0	0	EN 1787, EN 1788
Muesli bi frott imnixxef u ġewż	1	0	0	EN 1786
Ġewż	4	0	0	EN 1786
Laħam	3	0	0	EN 1787, EN 13708
Ħut	8	0	0	EN 1787, EN 1788
Gambli	6	0	0	EN 1787, EN 1788
Total	**214**	**0**	**10**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**95,50 %**	**0 %**	**4,50 %**	

3.4. Ċipru

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 8			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Ħxejjex imnixxfin, ħwawar u taħwir	8	0	0	EN 13751
Total	**8**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.5. Ir-Repubblika Ċeka

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 57			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Ħut u frott tal-baħar	7	0	0	EN 1785
Prodotti tat-te tal-ħxejjex aromatiċi	4	0	0	EN 1788
Ħwawar	13	2	0	EN 1788
Supplimenti tad-dieta	2	2	2*	EN 1788
Sopop tat-taljarini istantanji	9	0	0	EN 1788, EN 1785
Tjur	2	0	0	EN 1785
Frott frisk	12	0	0	EN 1788, EN 1785
Snack Asjatiku	1	1	0	EN 1788, EN 1785
Total	**50**	**5**	**2**	
Total f'% tal-kampjuni	**87,72 %**	**8,77 %**	**3,51 %**	

analizzati				

* kampjun wieħed ta' ħxejjex aromatiċi mnixxfin u pressati

3.6. Il-Ġermanja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 3.257			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonkluživ	Mhux konformi	
Prodotti tal-ħalib	8	0	0	EN 1787
Ġobon, preparazzjonijiet tal-ġobon bil-ħxejjex aromatiċi u l-ħwawar	27	0	0	EN 1787, EN 1788 ASU§64 LFGB, L00.00-39
Ġobon, preparazzjonijiet tal-ġobon mingħajr ħxejjex aromatiċi u l-ħwawar	17	0	0	EN 1788, EN 1784, ASU§64 LFGB, L00.00-39
Butir imħawwar	6	0	0	EN 1787
Bajd u prodotti tal-bajd	37	0	0	EN 1784
Laħam (għajr tjur tal-irziezet, tajr salvaġġ)	3	0	0	EN 1786
Tjur	66	0	0	EN 1784, EN 1786
Prodotti tal-laħam (għajr prodotti ta' zliezet)	65	0	0	EN 1786, EN 1784, EN 1788
Prodotti taz-zalzett	24	0	0	EN 1786, EN 1784
Ħut u prodotti tal-ħut	89	0	6	EN 1786, EN 1788, EN 1789
Krustaċji, frott tal-baħar, molluski u annimali akkwatiċi oħrajn inklużi l-prodotti tagħhom	100	0	2	EN 1788, EN 1786, EN 1787, EN 1384, EN 13751, ASU§64 LFGB,L12.01-1,
Sopop, zlazi, inklużi sopop istantanji u ikliet	173	4	3	EN 1787, EN 1788, EN 13751
Ċereali u prodotti taċ-ċereali	56	1	0	EN 1787, EN 1788, EN 13751
Imżiewed, ġewż u żrieragħ li fihom iż-żejt	33	0	0	EN 1787, EN 1788, EN 13751
Patata, partijiet ta' pjanti rikki fil-lamtu	66	0	0	EN 1788, EN 13751
Ħaxix frisk	28	0	0	EN 1788, EN 1787, EN 13751
Ħxejjex imnixxfin	23	0	0	EN 1788, EN 1787, EN 13751
Faqqiegħ frisk	34	0	0	EN 1788
Faqqiegħ imnixxef u prodotti tal-faqqiegħ	114	0	0	EN 1788, EN 13751, EN 1787
Frott frisk	71	0	0	EN 1784, EN 1788, EN 1787, EN 13751, EN 1385
Frott imnixxef u prodotti tal-frott	2	0	1	EN 1787, EN 1788, EN 13708
Kawkaw	59	0	1	EN 1787, EN 1788
Kafè	7	0	0	EN 1788, EN 13751

Te u prodotti simili għat-te	226	0	3	EN 1788, EN 13751, EN 1787
Ikliet lesti	27	0	0	EN 1788, EN 1786, EN 13751
Supplimenti tal-ikel	347	0	9	EN 1788, EN 1787, EN 13751, Termoluminessenza
Taħwir u kondimenti	272	0	0	EN 1788, EN 13751, EN 1787, Termoluminessenza
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar imnixxfin	1209	4	1	EN 1788, EN 1787, EN 13751, Termoluminessenza
Oħrajn	32	0	0	EN 1788, EN 13751, EN 13708
Enżimi	0	0	1	EN 1788, EN 13751
Total	**3.221**	**9**	**27**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**98,89%**	**0,28%**	**0,83%**	

3.7. Id-Danimarka

Fl-2010, ma twettqu l-ebda kontrolli fl-istadju tat-tqegħid tal-prodott fis-suq.

3.8. L-Estonja

Fl-2010, ma twettqu l-ebda kontrolli fl-istadju tat-tqegħid tal-prodott fis-suq.

3.9. Il-Ġreċja

Fl-2010, ma twettqu l-ebda kontrolli fl-istadju tat-tqegħid tal-prodott fis-suq.

3.10. Spanja

Ikel analizzat	**Numru ta' kampjuni: 110**			**Metodu CEN użat**
	Konformi	**Inkonkluživ**	**Mhux konformi**	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	38	0	0	EN 1787, EN 1788
Infużjonijiet	**17**	0	**0**	EN 1788
Ġewż u frott imnixxef	**13**	0	**0**	EN 13708, EN 1787
Faqqiegħ frisk	**2**	0	**0**	EN 1788
Ħut	6	0	0	EN 1786
Molluski	17	0	0	EN 1786
Krustaċji	10	0	0	EN 1786
Laħam	5	0	0	EN 1786
Koxox taż-żrinġijiet	1	0	1	EN 1786
Total	**109**	**0**	**1**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**99,09 %**	**0 %**	**0,91 %**	

3.11. Il-Finlandja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 310			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar imnixxfin	210	0	16	EN 13751, EN 1788
Supplimenti tal-ikel	53	0	4	EN 13751, EN 1788
Frott tal-bosk	20	0	1	EN 13751, EN 1788
Ikel għal użu f'dieti speċjali	6	0	0	EN 13751, EN 1788
Total	**289**	**0**	**21**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**94,60 %**	**0 %**	**5,40 %**	

3.12. Franza

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 115			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Ħwawar	31	0	0	EN 1784, EN 1788
Krustaċji jew molluski ffriżati	27	0	1	EN 1784, EN 1788
Sopop u zlazi deidratati	0	0	1	EN 1784, EN 1788
Supplimenti tal-ikel	24	1	0	EN 1784, EN 1788
Tjur	23	0	0	EN 1784, EN 1788
Taljarini imsajra minn qabel	2	0	0	EN 1784, EN 1788
Pjanti għal supplementi tal-ikel	2	0	0	EN 1784, EN 1788
Koxox taż-żrinġijiet	3	0	0	EN 1784, EN 1788
Total	**112**	**1**	**2**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**97,39%**	**0,87%**	**1,74%**	

3.13. L-Ungerija

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 19			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Ħwawar	14	0	0	EN 1788
Te	5	0	0	EN 1788
Total	**19**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.14. L-Irlanda

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 208			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Ħwawar	52	0	0	EN 13751 (skrinjar), EN 1788 (konferma)
Ħwawar	86	0	0	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	16	0	0	
Te tal-ħxejjex aromatiċi	7	0	0	
Żrieragħ	6	0	0	
Ġewż	3	0	0	
Supplimenti tal-ikel	7	0	0	
Vitamini u supplimenti	29	0	0	
PARNUTS*	1	0	0	
Oħrajn (alka)	1	**0**	0	
Total	**208**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

* PARNUTS: Ikel għal skopijiet ta' nutrizzjoni partikolari.

3.15. L-Italja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 191			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Laħam	72	0	0	EN 13784, EN 1786
Prodotti tal-ħut	21	0	0	EN 13784, EN13751, EN 1787
Koxox taż-żrinġijiet	1	0	1	EN 1786
Ħalib u prodotti tal-ħalib	13	0	0	EN 1788
Tofu mmellaħ	0	0	1	EN 1787
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar imnixxfin	37	0	0	EN 13783, EN13751, EN 1786
Taħwir (veġetali)	5	0	0	EN 13783
Patata	5	0	0	EN 13784, EN 1786
Tewm	6	0	0	EN 13784, EN13783
Basal	5	0	0	EN 13784, EN 13751, EN 13783
Xalotti	3	0	0	EN 13784, EN 1786
Ġewż	8	0	0	EN 1786, EN 1787
Frott imnixxef	3	0	0	EN 13784
Frott tropikali	3	0	0	EN 13784, EN 1788
Faqqiegħ imnixxef	4	0	0	EN 13751
Qamħ	3	0	0	EN 1786
Total	**189**	**0**	**2**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**98,95 %**	**0 %**	**1,05 %**	

3.16. Il-Latvja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 9			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Supplimenti tal-ikel	4	0	2	EN 1788
Frott imnixxef (tuffieħ)	1	0	0	EN 1788
Ħwawar (imsiemer tal-qronfol)	1	0	0	EN 1788
Te	1	0	0	EN 1788
Total	**7**	**0**	**2**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**77,77 %**	**0 %**	**22,22 %**	

3.17. Il-Litwanja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 14			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Ħwawar aromatiċi mnixxfin, te, taħwir, supplimenti tal-ikel	14	0	0	EN 13783
Total	**14**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.18. Il-Lussemburgu

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 20			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Supplimenti tal-ikel	7	1	2	EN 1788
Taljarini	10	0	0	EN 1788
Total	**17**	**1**	**2**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**85,00 %**	**5,00 %**	**10,00 %**	

3.19. Malta

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 10			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonklużiv	Mhux konformi	
Taljarini istantanji	9	0	0	EN 13751
Weraq tar-rand	1	0	0	EN 13751
Total	**10**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.20. Il-Pajjiżi l-Baxxi

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 654			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonkluživ	Mhux konformi	
Supplimenti tal-ikel	95	0	16	EN 13751, EN 1788
Preparazzjonijiet ta' vitamini	0	0	1	EN 13751, EN 1788
Taħlitiet speċjali (ħxejjex aromatiċi)	67	0	7	EN 13751, EN 1788
Ikel tal-Isports	5	0	1	EN 13751, EN 1788
Prodott ta' ikel speċifiku mhux speċifikat	1	0	0	EN 13751, EN 1788
Prodotti taċ-ċereali	29	0	0	EN 13751, EN 1788
Ħaxix imnixxef u prodotti tal-ħaxix	28	0	1	EN 13751, EN 1788
Frott imnixxef u prodotti tal-frott	45	0	0	EN 13751, EN 1788
Ġewż u żrieragħ	30	0	0	EN 13751, EN 1788
Ħut u prodotti tal-ħut	21	0	5	EN 13751, EN 1788
Insalati, għaġin u soppa	78	0	0	EN 13751, EN 1788
Ħwawar/togħmiet	220	0	4	EN 13751, EN 1788
Total	**619**	**0**	**35**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**95,00%**	**0 %**	**5,00%**	

3.21. Il-Polonja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 207			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonkluživ	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar imnixxfin	76	0	2	EN 13751, EN 1788
Ġewż	**20**	**0**	0	EN 1787
Ħxejjex (inkluż l-għazz)	**15**	**0**	0	EN 1788
Frott	**20**	**0**	**0**	EN 1788
Ħut u frott tal-baħar	**11**	**0**	**0**	EN 1786, EN 1788
Tjur domestikat	**3**	**0**	**0**	EN 1786, EN 1784
Te	**10**	**0**	**0**	EN 13751
Ġobnijiet misjura, ġobnijiet friski, ġobnijiet oħrajn bil-ħwawar/ħxejjex aromatiċi	**9**	**0**	**2**	EN 1788
Sopop u zlazi kkonċentrati	**16**	**0**	**0**	EN 1788
Laħam, fdalijiet, prodotti tal-laħam	**2**	**0**	**1**	EN 1786, EN 1784
Supplimenti tal-ikel	**17**	**0**	**1**	EN 13751, EN 1788
Ikel għal użi ta' nutrizzjoni partikolari	**0**	**0**	**2**	EN 1788
Total	**199**	**0**	**8**	
Total f'% tal-kampjuni	**96,10 %**	**0 %**	**3,86 %**	

analizzati				

3.22. Il-Portugall

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 6			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonkluživ	Mhux konformi	
Supplimenti tal-ikel	3	0	0	EN 13751
Frott imnixxef (tuffieħ)	2	0	0	EN 13751
Ħwawar (imsiemer tal-qronfol)	1	0	0	EN 13751
Total	**6**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.23. Ir-Rumanija

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 90			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonkluživ	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar imnixxfin	37	0	0	EN 1787, EN 13751
Supplimenti tal-ikel	26	5	11	EN 1787, EN 1788
Te	11	0	0	EN 1787, EN 1788, EN 13751
Total	**74**	**5**	**11**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**82,23 %**	**5,55 %**	**12,22 %**	

3.24. L-Isvezja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 6			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonkluživ	Mhux konformi	
Laħam (minn għasafar differenti, kangaru, fenek salvaġġ)	6	0	0	EN 1784
Total	**6**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.25. Ir-Repubblika Slovakka

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 23			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonkluživ	Mhux konformi	
Ġewż	14	0	0	EN 1784
Ġobon	6	0	0	EN 1784
Tonn taż-żejt, imfarrak	1	0	0	EN 1784
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	1	0	0	EN 1788
Spratt affumikat fiż-żejt	1	0	0	EN 1784
Total	**23**	**0**	**0**	

Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.26. Is-Slovenja

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 26			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonkluživ	Mhux konformi	
Ħwawar	10	0	0	EN 13751, EN 1788
Supplimenti tal-ikel	5	0	0	EN 13751, EN 1788
Te	11	0	0	EN 13751
Total	**26**	**0**	**0**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**100,00 %**	**0 %**	**0 %**	

3.27. Ir-Renju Unit

Ikel analizzat	Numru ta' kampjuni: 408			Metodu CEN użat
	Konformi	Inkonkluživ	Mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi mnixxfin, ħwawar u taħwir veġetali	186	10	3	EN13751, EN 1788
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar friski u ppreservati (għajr dawk imnixxfa)	39	1	0	EN13751, EN 1788
Mixellanji	7	0	0	EN13751, EN 1788
Taljarini u ikelAżjatiku deidratat	85	10	1	EN13751, EN 1788
Ħaxix	2	1	0	EN13751, EN 1788
Frott (inkluż frott frisk u frott imnixxef)	1	0	0	EN13751, EN 1788
Sopop u zlazi	14	0	1	EN13751, EN 1788
Te	2	0	0	EN13751, EN 1788
Supplimenti tal-ikel	29	4	2	EN13751, EN 1788
Koxox taż-żrinġijiet	0	1	0	EN 1786
Prodotti tal-ħmira	2	0	7	EN13751, EN 1788
Total	**367**	**27**	**14**	
Total f'% tal-kampjuni analizzati	**90,00 %**	**6,60 %**	**3,40 %**	

3.28. Sommarju għall-UE

It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor il-kampjuni analizzati u r-riżultati miksuba għall-UE kollha kemm hi.

STAT MEMBRU	KAMPJUNI KONFORMI	INKONKLUŻIV	KAMPJUNI MHUX KONFORMI	TOTAL TAL-KAMPJUNI
AT	133	0	1	134
BE	132	0	6	138
BG	214	0	10	224
CY	8	0	0	8
CZ	50	5	2	57
DE	3221	9	27	3257
DK	EKA	EKA	EKA	EKA
EE	EKA	EKA	EKA	EKA
EL	EKA	EKA	EKA	EKA
ES	109	0	1	110
FI	289	0	21	310
FR	112	1	2	115
HU	19	0	0	19
IE	208	0	0	208
IT	189	0	2	191
LV	7	0	2	9
LT	14	0	0	14
LU	17	1	2	20
MT	10	0	0	10
NL	619	0	35	654
PL	199	0	8	207
PT	6	0	0	6
RO	74	5	11	90

SE	6	0	0	6
SK	23	0	0	23
SI	26	0	0	26
UK	367	27	14	408
TOTAL UE F'%	**6052**	**48**	**144**	**6244**
	96,92%	**0,77%**	**2,3%**	**100,00%**

EKA: Ma twettqu l-ebda kontrolli analitiċi fl-2010.

4. SOMMARJU

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010. Dan jinkludi ġabra ta' tagħrif mgħoddi lill-Kummissjoni mis-27 Stat Membru.

Fl-2010, 24 faċilità tal-irradjazzjoni approvati kienu operattivi fi 13-il Stat Membru skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 1999/2/KE. Matul l-2010 ġiet approvata faċilità tal-irradjazzjoni waħda mill-Bulgarija u oħra mill-Estonja. Ma ngħalqet l-ebda faċilità tal-irradjazzjoni approvata. Seba' faċilitajiet tal-irradjazzjoni ma rradjaw l-ebda ikel matul l-2010.

Kwantità totali ta' 9 263,4 tunnellata ta' prodotti ġew ittrattati bl-irradjazzjoni jonizzanti fl-Istati Membri, 88,55% minnhom ġew irradjati fi tliet Stati Membri: il-Belġju (63,11 %), il-Pajjiżi l-Baxxi (16,63 %) u Franza (11,06 %). L-akbar tliet frazzjonijiet fil-kategoriji rradjati kienu l-koxox taż-żrinġijiet (47,67%), it-tjur (22,5 %) u l-ħxejjex aromatiċi u l-ħwawar (15,86 %).

27 Stat Membru bagħtu informazzjoni dwar il-kontrolli li saru fl-istadju tat-tqegħid fis-suq tal-prodott. Tliet Stati Membri ma wettqu l-ebda kontrolli analitiċi fil-kontroll u l-ispezzjoni uffiċjali.

B'kollox ittieħdu 6 244 kampjun minn 24 Stat Membru, tliet Stati Membri kienu responsabbli għal 69,17 % tal-kampjuni (il-Ġermanja 52,16 %, il-Pajjiżi l-Baxxi 10,47 % u r-Renju Unit 6,53 %. 6 052 kampjun (96,92 %) kienu konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi. 144 kampjun (2,3 %) ma kinux konformi. Ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità spiss kienu relatati ma' ttikkettjar mhux korrett u l-irradjazzjoni ta' kategoriji li għalihom din mhix awtorizzata. 48 kampjun (0,77 %) ma wasslux għal riżultati konklużivi. Ir-raġunijiet għar-riżultati inkonklużivi huma l-aktar marbuta ma nuqqas ta' konferma wara riżultati pożittivi minn testijiet ta' skrinjar u/jew mad-diffikultà biex jiġi ddeterminat liema ingredjenti ġew irradjati, anke jekk ikollhom it-tikketta, fil-prodotti tal-ikel komposti.